MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1421/2002/1

**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Amicable Commercial Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin (Lm206.00) rapprezentanti bilanc ta' kambjala akbar debitament accettata u skaduta fl-1 ta' Mejju 2001 u mhux imhallsa (Dok. 1) .

Bl-imghax legali mill-iskadenza tal-istess kambjala li sat-28 ta Mejju 2002 jammontaw ghal Lm19.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2001 u dik ta' Jannar 2002 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-wsocjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur.

2. Illi huwa xtara karozza minghand il-UCIM Co. Ltd bil-prezz ta' Lm8987.00 u cioe' Fiat Ducato, chassis number ZFA23000006018171, engine number 3251369 bil-prezz ta' Lm8987.00 liema prezz thallas kollu skond 'statement of account' anness u mmarkat bhala Dokument 'A', datat 15 ta' Gunju 2002.
3. Illi din il-vendita saret skond kuntratt tas-16 ta' Jannar 2001 taht il-kundizzjonijiet hemm patwiti, liema kuntratt gie kollu mhallas u ghalhekk ebda imghax ma huwa dovut.
4. Illi ebda ittra ufficjali ma giet mibghuta ai termini tal-Artikolu 6.1 tal-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2001 li tintitola lill-attur jitlob l-imghaxijiet.
5. Illi ebda imghaxijiet ma huma dovuti gjaladarba s-somma kollha giet imhallsa u accettata minn UCIM co. Ltd.
6. Illi l-attur ghandu jirritorna l-kambjali u jirrifondi s-somma zejda ta' Lm41.15 imhallsa zejda lil UCIM co. Ltd.
7. Sallv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Mario Hammett u Marcel Avellino. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi fis-16 ta' Jannar 2001 is-socjeta' konvenuta xtrat minghand UCIM Co. Limited vann tal-marka Fiat Ducato ghall-prezz ta' Lm8987.00 u dan permezz ta' kuntratt li jinsab esebit a fol. 7 et seq. tal-process. Is-socjeta' konvenuta hallset depozitu ta' Lm200.00 mal-iffirmar tal-kuntratt, Lm4,800.00 fid-data tal-konsenja tal-vann u ffirmat kambjala fl-ammont ta' Lm4028.00 in kwantu jirrigwarda l-bilanc tal-prezz tal-vann. Din il-kambjala

kienet timmatura u tiskadi fl-1 ta’ Meju 2001. F’Lulju 2001 is-socjeta’ konvenuta rceviet ‘statement’ minghand UCIM Co. Ltd fejn intalbet thallas il-bilanc ta’ Lm4028.15 li kien ghadu dovut fuq il-prezz tal-vann. Is-socjeta’ konvenuta dehrilha li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont indikat fuq il-kuntratt u dovut bhala bilanc u l-ammont indikat fuq il-kambjala u ghalhekk talbet lil UCIM Co. Limited taghmel xi verifiki. Hija sadanittant baqghet ma halsitx il-bilanc tal-prezz tal-vann li kien ghadu dovut. Is-socjeta’ konvenuta issostni li hija baqghet ma rceviet ebda risposta minghand UCIM Co. Limited u fil-21 ta’ Novembru 2001 hija effetwat il-pagament ta’ Lm4028.15.  Il-kambjal li tinsab esebita a fol. 2 tal-process giet mahruga minn UCIM Co. Limited izda sussegwentement giet giraata lis-socjeta’ attrici li ggirata lil HSBC (Malta) plc li mbaghad rega’ ggiraha favur is-socjeta’ attrici. Fid-19 ta’ Ottubru 2001 is-socjeta’ attrici baghtet ittra ufficjali fejn interpellat lis-socjeta’ konvenuta thallas l-import tal-kambjala in kwistjoni kif ukoll l-imghax mid-data tal-maturita’ tal-kambjala sad-data tal-pagament effettiv ( a fol. 31). Fil-21 ta’ Frar 2002 is-socjeta’ attrici baghtet ittra ufficjali ohra fejn interpellat lis-socjeta’ konvenuta thallasha l-ammont ta’ Lm206.00 bhal import tal-kambjala mhux imhallsa. Mill-provi rrizulta li effettivament dawn il-Lm206.00 jirrigwardaw l-imghax fuq l-import tal-kambjala, u cioe’ l-imghax fuq Lm4028.00, mid-data ta’ meta mmaturat il-kambjala, l-1 ta’ Mejju 2001, sal-21 ta’ Novembru 2001, id-data meta is-socjeta’ konvenuta effettwat il-pagament ta' Lm4,028.00.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi in-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u dan peress li l-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2001 sar ma U.C.I.M. Co. Ltd. u mhux mas-socjeta' attrici u l-kambjala esebita a fol. 2 giet accettata minn U.C.I.M. Co. Ltd. u mhux mis-socjeta' attrici. Din l-eccezzjoni hi ghal kollox infondata ghaliex l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, u mill-provi irrizulta li l-kambjala in kwistjoni li fuqha qed jintalab l-imghax stante li ma giex effettwat il-pagament relativ fid-data tal-maturita`, giet girata favur is-socjeta' attrici u ghalhekk akkwistat karattru awtonomu. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Jannar

2003 fil-kawza fl-ismijiet "John Giordmaina et Vs. Joseph Pace et" (Citaz. Nru. 3391/96 TM) fejn il-Qorti qalet hekk:-

***"L-iskop ta' kambjala hija li tista' tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr il-kambjala kreditur jista' jaghmel kuntratt ta' cessjoni tad-dritt taht il-Ligi Civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva l-eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghall-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li min jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghal dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m'ghandhiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nholoq bejn l-istess partijiet u allura l-obbligazzjonijiet reciproci ta' l-istess partijiet huma rilevanti ghal kull kawza li ssir ghall-hlas".***

Illi dan li ghadu kif inghad hawn fuq japplika wkoll ghall-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta fil-meritu fis-sens illi una volta li l-kambjala in kwistjoni giet girata favur is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma tistax tissolleva eccezzjonijiet konnessi ma' l-obbligazzjonijiet bejnha u bejn U.C.I.M. Co. Ltd. u naxxenti mill-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2001. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk ma setghetx tissolleva fil-konfront tas-socjeta' attrici il-kwistjoni tad-diskrepanza fl-ammont indikat bhala bilanc tal-prezz fil-kuntratt u dak indikat fil-kambjala, liema socjeta' attrici kienet intitolata tircievi l-pagament fl-ammont ta' Lm4,028.00 minghand is-socjeta' konvenuta fid-data tal-maturita` tal-kambjala. Isegwi ghalhekk li una volta li s-socjeta' konvenuta naqset milli taffettwa il-pagament ta' dan l-ammont fid-data tal-maturita` tal-kambjala, beda jiddekorri l-imghax fuq l-imsemmi ammont.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitt Liri Maltin (Lm206.00) bl-imghax pagabbli mit-28 ta' Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 t'Ottubru 2001 u dawk tal-21 ta' Frar 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------